**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 17 ta' Jannar 2024**

Rikors Numru: 438/2023 AL

A B

vs

C D gja B

(M.R. Numru 82212/1998)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

Illi l-esponenti A B u C B izzewwgu nhar t-tmierja ghovrin (28) ta' Novembru tas-sena el disgha mja tmienja u disghin 1998, gewwa Registru Publiku, Belt Valletta, certifikat taz-żwieg esebit, anness u mmarkat Dok "A";

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt: ta’ separazzjoni personali ppubblikat i natti tan-Nurar Doctor Elaine Farrugia datat erbatax (14) ta' Novembru, tas-sena elfejn u sbatax (2017), kuntratt: esebit, anness u mmarkat ”Dok. B';

Illi miz-zwieg ta' bejn l-partijiet twiedu, zewgt itfal E B li huwa maggorenni u jahdem u F B ii hi maggorenni, ma tahdimx u ma tistudjax,

Illi ebda manteniment ma huwa dovut bejn i-konjugi kif jinghad f’paragrafu numru erbgha (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni (vide Dok. B'),

Illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikončiljazzjoni bejn il-partijiet, tant illi kull wahda mill-partijiet tghix hajja totalment separata minn xuxlin u ghalhekk il-kriterju rikjest skont l-Artikolu 66B(b) jirrizulta sodisfatt;

Illi l-konjugi inoltre ilhom separati de facto minn Jannar tas-sena elfejn a sbatax (2017) kif jirrizulta minn klawzola sbatax (17) tal-kuntratt anness u għalhekk il-kriterju rikjest skont l-Artikolu 66B(b) jirrizuita sodisfatt;

Illi ghalhekk jinkkonkorru il-kriterji kollha rikjest mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet,

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili sabiex, fiz-zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta’ Awwissu 2023;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Novembru 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.